**STQARRIJA GĦALL-MEDIA:**

**Li tingħata l-opportunità lin-nisa kollha biex jiksbu l-potenzjal sħiħ tagħhom hi fil-qalba tal-ħidma tal-Gvern għat-tkabbir ekonomiku**

Meta kienet qed titkellem waqt il-konferenza annwali tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE), il-Ministru għad-Djalogu Soċjali, l-Affarijiet tal-Konsumatur u l-Libertajiet Ċivili, Dr Helena Dalli, qalet li l-fatt li n-nisa jingħataw l-opportunità kollha biex jiksbu l-potenzjal sħiħ tagħhom hu fil-qalba tal-ħidma tal-Gvern għat-tkabbir ekonomiku.

Il-Ministru qalet li filwaqt li fl-aħħar snin inkisbu xi riżultati, dawn huma ħafna inqas mil-livell Ewropew, u ħafna inqas minn dak li hu mistenni.  Hi qalet li r-rata tal-impjiegi tan-nisa f'Malta għadha t-tieni l-inqas fl-UE, wara dik tal-Greċja, id-diskrepanza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa għadha teżisti, u l-miżuri favur il-familja għadhom mhux daqshekk disponibbli u aċċessibbli għan-nisa bit-tfal.

Dr Dalli qalet li l-fatt li jiġi indirizzat dan in-nuqqas ta' ugwaljanza mhux biss hu kruċjali għall-ġenerazzjoni tagħna iżda wkoll għal ġenerazzjonijiet futuri tan-nisa.

Meta tkellmet dwar l-impenn tal-gvern biex jindirizza dan in-nuqqas ta' ugwaljanza, hi qalet li waħda mill-ewwel affarijiet li għamlet bħala Ministru responsabbli għall-ugwaljanza kienet li toħroġ ċirkolari governattiva dwar aktar trasparenza fit-teħid ta' miżuri favur il-familja fis-settur pubbliku u fis-servizz pubbliku.

Meta tkellmet dwar in-nisa fit-teħid tad-deċiżjonijiet, il-Ministru Dalli qalet li dan il-gvern nieda proġett li għandu jfittex li jsaħħaħ l-utilizzar tal-potenzjal tax-xogħol għal kulħadd billi jindirizza n-nuqqas ta' rappreżentanza tan-nisa f'pożizzjonijiet tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

Dr Dalli qalet li fil-ġimgħat li ġejjin l-NCPE se tkun qed toħloq mill-ġdid id-Direttorju ta' Nisa Professjonisti li permezz tiegħu l-Gvern se jkun jista' jidentifika aħjar nisa kwalifikati f'diversi oqsma.

Filwaqt li jżomm f'moħħu li s-sena li għaddiet il-mandat tal-NCPE kien estiż biex ikopri oqsma oħra apparti l-ugwaljanza bejn is-sessi, il-gvern għandu jagħmel aktar enfasi biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni.

Waqt li kkwotat diversi riċerki, Dr Dalli qalet li d-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru u r-razza hi mifruxa sew f'Malta.

Il-Ministru Dalli qalet li dan l-aħħar l-NCPE nediet proġett li se jkun qed jindirizza d-diskriminazzjoni permezz tat-taħriġ.  Hi qalet li l-NCPE għandha rwol importanti f'dak li għandu x'jaqsam fil-konfront tad-diskriminazzjoni u l-promozzjoni tad-diversità.

Fi tmiem id-diskors tagħha, Dr Dalli qalet li "fl-NCPE nara msieħba strateġika fl-isfida tagħna biex immexxu 'l quddiem l-aġenda tal-gvern u naħdmu ħalli niksbu soċjetà

miftuħa fejn il-poplu jkun konxju tad-drittijiet li għandu, jista' jilħaq l-aspirazzjonijiet tiegħu u jgħix kuntent".

Waqt il-konferenza, id-Direttur Eżekuttiv tal-NCPE, Dr Romina Bartolo, tat ħarsa estensiva lejn l-inizjattivi u l-miżuri li ttieħdu mill-NCPE fl-2012. Matul is-sena li għaddiet, il-mandat tal-NCPE kien estiż biex jinkludi mhux biss id-diskriminazzjoni abbażi tas-sess u r-responsabbilitajiet tal-familja iżda wkoll id-diskriminazzjoni abbażi tal-identità tal-ġeneru, ir-reliġjon, l-età, l-orjentazzjoni sesswali u r-razza/oriġini etnika fl-impjiegi kif ukoll fl-aċċess għal taħriġ vokazzjonali u professjonali, jew banek u istituzzjonijiet finanzjarji. L-NCPE taħdem ukoll fuq id-diskriminazzjoni abbażi ta' razza u oriġini etnika, u sess fil-provvista ta' oġġetti u servizzi.

Fl-2012, l-NCPE irċeviet talbiet għal informazzjoni fuq diversi suġġetti relatati mal-ugwaljanza, filwaqt li tressqu quddiemha ilmenti fuq bażi regolari. Uħud mill-ilmenti li tressqu quddiem l-NCPE jinkludu każijiet ta' fastidju sesswali, diskriminazzjoni abbażi ta' sess u responsabbilitajiet tal-familja, tkeċċija mhux ġusta minħabba t-twemmin reliġjuż, diskriminazzjoni abbażi tal-età, diskriminazzjoni fl-aċċess għal intervista għal xogħol, u diskriminazzjoni razzjali.

Waqt li tat ħarsa lejn it-taħriġ li tat l-NCPE fl-2012 u l-proġetti ko-finanzjati mill-UE li għamlet, Dr Romina Bartolo spjegat ukoll li fl-2012 l-NCPE intervjeniet f'60 każ ta' diskriminazzjoni abbażi tas-sess fir-riklami li 55 minnhom kellhom kliem diskriminatorju u ħamsa kellhom immaġini mhux bilanċjat abbażi tas-sess. Dawn ir-riklami kienu jinvolvu impjiegi u opportunitajiet edukattivi.

F'dak li għandu x'jaqsam maċ-Ċertifikazzjoni tal-Marka tal-Ugwaljanza, 19-il kumpanija/entità kienu ċċertifikati fl-2012, li jirrappreżentaw 2,012 ħaddiem. Żewġ organiżżażżjonijiet oħra – *Simonds Farsons Cisk plc* u *Food Chain Ltd* - .kienu ċċertifikati f'din il-Konferenza Annwali bħala organizzazzjonijiet li tassew joffru opportunitajiet indaqs f'dak li għandu x'jaqsam ma' ugwaljanza bejn is-sessi u għalhekk se jkunu qed jużaw il-*logo* tal-Marka tal-Ugwaljanza fil-pubblikazzjonijiet u d-dokumenti tagħhom. Is-Senior Policy, Mainstreaming Training and Legal Executive tal-NCPE, is-Sra. Maria Borg Filletti, spjegat li għalkemm il-proġett tal-Fond Soċjali Ewropew li permezz tiegħu kienet tiġi ffinanzjata l-Marka tal-Ugwaljanza ntemm f'Diċembru 2012, l-NCPE kompliet tivverifika l-kumpaniji u għalhekk kompliet tagħti ċ-Ċertifikazzjoni tal-Marka tal-Ugwaljanza. Sa mill-2010, 53 kumpanija/entità kienu ċċertifikati bil-Marka tal-Ugwaljanza.

Il-Kummissarju tal-NCPE, is-Sra Renee Laiviera, tkellmet dwar l-ilmenti li tirċievi l-NCPE. L-investigazzjoni tal-ilmenti hi waħda mill-funzjonijiet ewlenin tal-NCPE. Persuni li jħossuhom li ġew diskriminati abbażi tas-sess u r-responsabbilitajiet tal-familja, l-identità tal-ġeneru, ir-reliġjon, l-età, l-orjentazzjoni sesswali u r-razza u l-oriġini etnika, kemm fl-impjiegi, kif ukoll fl-aċċess għal taħriġ vokazzjonali u professjonali, jew banek u istituzzjonijiet finanzjarji, kif ukoll diskriminazzjoni abbażi tar-razza u oriġini etnika u s-sess fil-provvista ta' oġġetti u servizzi jista' jressaq ilment quddiem l-NCPE.

Matul l-2012, kien hemm 17-il ilment li tressaq quddiem l-NCPE.

Għal aktar informazzjoni dwar ix-xogħol li jsir mill- NCPE jew biex tiġi rrappurtata diskriminazzjoni, il-pubbliku inġenerali hu mistieden biex jagħmel kuntatt fuq equality@gov.mt jew 2590 3850.

**24 ta' Lulju, 2013**